MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 1044/1997/1

Emanuel Zammit
vs
Chairman Air Malta ghan-nom tal-Holiday Inn Crowne Plaza Malta u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2000 gie mizjud il-kliem Tigne Development Company Limited

Illum 3 ta' Marzu 2005

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikorsipprezentat mir-rikorrent fit-28 ta' Novembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn l-4 ta' Mejju 1987 u l-4 ta' Awissu 1992 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1991 huwa sofra ingustizzja f'diskriminazzjoni fl-impieg.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor

Illi r-rikorrent kien gia mpjegat mal-Holiday Inn Crowne Plaza - Malta li kienet tifforma parti anzi 51 fil-mija ta' l-Air malta, f'Mejju 1987 fil-grad ta' Barman. Wara madwar

erba' snin huwa kien marad marda kronika u kellu bilfors jidhol l-isptar ghal kura serja. Meta ra hekk huwa mar ghand il-Personnel Manager, Joseph Caruana fil-presenza ta' l-ex shop steward Emanuel Bonnici u infurmah bil-kaz serju li kien jinsab fih. Dan qallu biex ikompli jiehu l-kura u meta jfieq jirrapporta lura ghax-xoghol. Peress li l-marda tieghu kienet ser tiehu fit-tul ghax kellu jistenna donor biex ikun jista' jaghmel transplant tal-kliewi dam madwar sena u nofs taht il-kura. F'Jannar 1993 gie nfurmat mill-Professur Louis Buhagiar li kienu sejrin jaghmlulu l-operazzjoni tal-kliewi. Ghamel l-operazzjoni b'success u l-Professur ghamillu c-certifikat biex ikun jista' jidhol ghax-xoghol. Meta mar ghand l-istess Personnel Manager imsemmi fuq, dan qallu li x-xoghol tieghu gie terminat minhabba l-marda li kellu. Matul is-sentejn li ghamel marid kull ma ha kien sena paga maqsuma bejn il-Kumpanija u s-Social Service. Ghaldaqstant hu gie ngustizzjat u bata finanzjarjament u psikologikament u fil-fatt kellu jghinu t-tifel f'dawk li huma finanzi.

Illi huwa kien bi hsiebu jsostni l-ilmenti tieghu waqt is-smiegh tar-rikors u permezz tax-xhieda hawn taht imsemmija.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata dak kollu li tilef, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, lilu jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi din il-Qorti li ma jeccedix Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tac-Chairman Air Malta fejn wiegeb:

Illi t-talbiet tar-rikorent ghandhom jigu michuda u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1) Illi l-intimat mhux illegittimu kontradittur stante li r-rikorrent ma kienx impjegat mieghu izda kien impjegat mas-socjeta Tigne` Development Company Limited.

2) Illi inoltre u bla pregudizzju ghal permess lir-rikorrent kien gie terminat l-impieg tieghu minhabba ragunijiet ta' sahha u dana sar skond il-collective agreement li kien ezistenti bejn il-union, l-impjegat u min ihaddem.

3) Illi lir-rikorrent min hadmu ghamel min kollox biex jghinu u jagevolah tant li:-

a) sakemm instablu kilwa ghat-transplant, u r-rikorrent kien bis-sick leave, il-Holiday Inn hallsitlu kull beneficcju li kien intitolat ghalih skond il-ligi u skond il-collective agreement.

b) meta r-rikorrent kien f'okkazjonijiet rari jmur ghax-xoghol, huwa ma setax jahdem ta' barman u xoghlu kienu jaghmluhulu l-barmen l-ohra. Izda sfortunatament il-barmen l-ohra ma setghux ikomplu jaghmlu aktar xoghlu u ghalhekk fic-cirkostanzi ma kienx hemm triq ohra hlief li jigi terminat lilu l-impjieg tieghu.

c) bhala ex gratia Holiday Inn kienet informat lir-rikorrent li hekk kif ikun jiflah ghax-xoghol jerga' jiddahhal jahdem bhala barman jekk ikun hemm post vakanti izda sal-lum mhux talli ma nholoqx post vakanti izda talli l-complement naqas bi tlieta.

4) Salvi risposti ulterjuri.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra r-risposta ulterjuri fejn l-intimat wiegeb

Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi preliminarjament dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jiehdu konjizzjoni ta' din l-kawza stante li r-rikorrent ma hux qed jallega li garrab l-

allegata ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew ta' xi inkapacita` jew restrizzjoni li kellu jgarrab, b'xi azzjoni mehuca mis-socjeta` konvenuta, kif inhu rikjest tassattivament mill-artiklu 6 ta' l-Att dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji (Kap 394 tal-Ligijiet ta' Malta), izda li garrab l-allegata ingustizzja minhabba marda li fuqha s-socjeta` konvenuta ma kellha ebda kontroll, u fil-fatt, fil-kaz in kwistjoni ma saret ebda forma ta' distinzjoni, eskluzjoni ecc.

2. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suepost, dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jiehdu konjizzjoni ta' din il-kawza stante li l-ilment ma jaqax taht wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-artiklu 6 tal-Kap 394.

3. Illi fuq il-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suepost, lir-rikorrent kien gie terminat l-impjieg tieghu minhabba ragunijiet ta' sahha u dana skond il-collective agreement li kien ezistenti bejn il-Union, l-impjegat u min ihaddem;

4. Illi lir-rikorrent min hadmu ghamel minn kollox biex jghinu u jagevolah tant li:

(i) sakemm instabitlu kilwa ghat-transplant, u r-rikorrent kien bis-sick leave, is-socjeta` konvenuta halsitlu kull beneficcju li kien intitolat ghalih skond il-ligi u skond il-Collective Agreement fuq imsemmi;

(ii) meta r-rikorrent kien f'okkazzjonijiet rari jmur ix-xoghol, huwa ma setax jahdem ta' barman u xoghlu kienu jaghmluhulu l-barmen l-ohra, izda sfortunatament, il-barmen l-ohra ma setawx ikomplu jaghmlu aktar xoghlu u ghalhekk fic-cirkustanzi ma kienx hemm triq ohra hlief li jigi terminat lilu l-impjieg tieghu;

(iii) bhala ex gratia s-socjeta` konvenuta kienet infurmat lir-rikorrenti li hekk kif ikun jiflah ghax-xoghol jerga' jiddahhal jahdem bhala barman izda biss kemm il-darba ikun hemm post vakanti, izda sal-gurnata tal-lum mhux

talli ma nholoqx post vakanti izda talli l-complement ta' staff naqas bi tlieta;

5. Salvi risposti ulterjuri.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi l-vertenza bejn il-partijiet tikkoncerna n-nuqqas ta' reinstatement tar-rikorrent fl-impjieg illi kellu mas-socjeta` konvenuta Tigne Development Company Limited wara li r-rikorrent kien assenta ruhu mix-xoghol minhabba mard serju. Is-socjeta` konvenuta qeghda tghid illi kienet gustifikata illi tittermina l-impjieg u tqajjem ukoll eccezzjoni ta' gurisdizzjoni fil-kuntest ta' l-ewwel eccezzjoni li pprezentat fit-18 ta' Lulju 2000 (fol 21), ghalhekk dan it-Tribunal sejjer l-ewwel jikkonsidra l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni qabel ma jghaddi ghal meritu.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent spjega ahjar it-talba tieghu fin-nota ta' osservazzjonijiet li pprezenta fit-18 ta' Awissu 2003 u ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni, spjega: "…illi sofra ngustizzja ghal mod u bil-mod ta' kif gie ttrattat b'mod differenti fis-sens illi Joe Giusti inghata appointment ghal xoghol iehor u ma giex imkecci mentri r-rikorrent ma nghatax appointment u gie mkecci." Effettivament ir-rikorrent qieghed jghid illi s-socjeta` konvenuta mxiet b'mod differenti bejn zewg impjegati fejn wiehed spicca biex tkecca u l-iehor le. Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghall-artiklu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997 fejn inghad li t-Tribunal ghandu s-setgha li jisma' lmenti minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita. Pero` l-istess artiklu jispecifika illi dawn l-ilmenti japplikaw biss "in respect of…" f'kazijiet ta' hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti (ara artiklu 6 (1) a, b, c, d u e).

Kif tajjeb osserva r-rikorrent fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu t-Tribunal m’ghandux is-setgha illi jordna r-reinstatement, jissottometti pero` li t-Tribunal ghandu l-gurisdizzjoni peress li r-rikorrent sofra ingustizzja bl-operat tas-socjeta` intimata meta gie diskriminat negattivament.

Dan l-argument qed jirfes linja fina bejn l-ghoti ta’ kompetenza u n-nuqqas taghha. It-Tribunal mhux awtorizzat jestendi l-limiti ta’ kompetenza tieghu u jista’ jiehu konjizzjoni biss ta’ ingustizzji li jikkoncernaw hatriet, promozzjonijiet u trasferimenti.

Apparentement dan hu kaz li jinvolvi tkeccija fejn allura l-kompetenza mhijiex radikata pero` qabel dan, ir-rikorrent jallega diskriminazzjoni fil-konfront tieghu meta persuna fl-istess sitwazzjoni bhalu giet trattata b’mod differenti mill-intimat, fis-sens li giet trasferita ghal xoghol addattat ghaliha mentri lir-rikorrent ma inghatax l-istess beneficcju, u ghalhekk jista’ jinghad li r-rikorrent sofra ingustizzja mhux fl-ghoti ta’ trasferiment izda fin-nuqqas taghha. L-Att fuq imsemmi ma jghid xejn dwar x’tip ta’ trasferimenti t-Tribunal ghandu jikkonsidra u ghalhekk f’dan il-kaz tkun qeda ssir ingustizzja akbar li kieku jabdika mir-responsabiltajiet tieghu u jinvoka n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni, haga li zgur mhux fl-iskop tat-twaqqif ta’ dan it-Tribunal. Fejn il-mizien ikun qieghed jindika l-pozizzjoni tan-nofs, it-Tribunal ghandu jitfa’ l-piz tieghu favur l-kompetenza biex b’hekk ikun qieghed josserva mhux biss l-ligi imma anki l-ispirtu taghha. Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi illi f’dan il-kaz ghandu l-kompetenza biex jisma’ l-ilment tar-rikorrent u konsegwentament jichad l-eccezzjonijiet ta’ inkompetenza imqajma mill-intimati.

Ikkunsidra

Illi ghal dak li jirrigwarda l-meritu, rrizulta mill-provi illi r-rikorrent gie impjegat mas-socjeta` konvenuta fl-1987, wara tmien xhur inghata promozzjoni biex imexxi d-disco tal-lokal izda fl-1991 marad serjament u beda jfalli x-xoghol. It-tobba qalulu illi l-marda tieghu kienet serja hafna u li kellu bzonn trapjant tal-kliewi. Peress illi ma kienx hemm donor disponibbli, ir-rikorrent kellu jistenna

ghal xi zmien fejn allura kien obbligat imur spiss l-isptar ghal kura. Dan kien ifisser li r-rikorrent kien qed ifalli mix-xoghol, izda s-socjeta` konvenuta kienet taf bil-genwinita tal-kaz u anki dahlu biex jitkellmu ghar-rikorrent il-GWU tramite l-Assistant Shop stewards u s-Segretarju taqsima tal-Lukandi taghha, fejn sar arrangament fejn filwaqt li teknikament l-impjieg tar-rikorrent kellu jigi terminat hekk kif ifiq u jkun tajjeb ghax-xoghol kellu jidhol lura fl-impjieg. Dan xehduh Christopher Vella (fol 35) Assistant Shop steward kif ukoll Joe Mansueto (fol 96) is-Segretarju taqsima Lukandi tal-GWU. Dan ta' l-ahhar huwa kategoriku meta jghid "…konna wasalna fi qbil illi wara li huwa jaghmel it-trapjant ikun jista' jerga jigi ri-ingaggat mal-Kumpanija."

Fil-kors tas-smiegh tax-xhieda tqajjem il-kaz ta' impjegat iehor Joe Giusti li kien bejn wiehed u iehor kien fl-istess sitwazzjoni bhar-rikorrent. Bid-differenza li Giusti kien marid b'qalbu u kien jirrikjedi trattament ta' spiss l-isptar pero` fil-kaz ta' Giusti s-socjeta` konvenuta accettat illi taghti t-trasferiment ghal xoghol aktar hafif u fil-fatt poggewh bhala telephone operator. Meta l-Union ipproponiet l-istess haga ghar-rikorrent is-socjeta` intimata qalet illi minkejja ppruvat issib post, ma sabitx.
Fi zmien il-kaz, il-personnel Manager kien Joe Caruana u dan ta d-depozizzjoni tieghu a fol 76 fejn ikkonferma li r-rikorrent itterminalu l-impjieg fuq parir mediku. Caruana jikkonferma li kien dahal f'negozjati mal-union fil-kaz tar-rikorrent pero` jghid biss li l-arrangament kien illi jekk l-operazzjoni tkun success u jekk ikun hemm post ghar-rikorrent f'dak il-kaz jidhol fl-impjieg.

Sfortunatament m'hemm l-ebda dokument bil-miktub biex jipprova parti jew ohra, pero` it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent u l-provi minnu migjuba huma aktar veritiera peress illi huma wkoll kostanti. Apparti x-xhieda tal-ufficjali ta' l-union l-istess rikorrent jiftakar lil Joe Caruana jghidlu illi seta' jidhol lura ghax-xoghol hekk kif ifiq. Dan ma kienx il-kaz, peress illi hekk kif ipprezenta ruhu biex jidhol lura ghax-xoghol is-socjeta` intimata qaltlu li huwa kien tkecca u ma kienx hemm post ghalih. Interessanti wkoll illi d-dokumenti ta' l-ETC dwar it-terminazzjoni ta' l-

impjieg mhumiex iffirmati mir-rikorrent illi sar jaf b'dawk id-dokumenti ferm wara illi huwa gie moghti l-informazzjoni illi kien tkecca. Meta gab paragun mal-kaz tas-Sur Giusti, s-Sur Caruana filwaqt li jikkonferma li Giusti inghata "light duties" semma iz-zamma ta' l-impjieg tieghu bhala rizultat ta' "… talba generali…" (fol 78). X'kienet din it-talba generali jew minn min, is-Sur Caruana ma jghidx pero` it-Tribunal jsibha ferm stramba kif fil-kaz tas-Sur Giusti saret talba generali meta fil-kaz tar-rikorrent din ma saritx, meta mill-provi jirrizulta li kien hemm jaqbzu ghalih mhux biss shabu tax-xoghol imma anki l-ufficjali tal-union.
Il-kaz tar-rikorrent jidher ukoll li kellu effett negattiv fuq ir-relazzjonijiet ta' bejn il-Kumpanija u l-Union, tant hu hekk illi s-Sur Mansueto jikkonferma illi qabel it-terminazzjoni ta'l-impjieg tas-Sur Zammit ir-relazzjonijiet bejn l-union u l-Holiday Inn kienu eccellenti izda wara l-kaz hzienu. Ovvjament dan il-ghaliex il-union hassitha ittraduta bl-agir tas-socjeta` konvenuta meta rrifjutat li taccetta lura r-rikorrent wara li dan fieq mill-marda serja illi kellu.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi, t-Tribunal jidhirlu illi saret diskriminazzjoni ngusta fil-konfront tar-rikorrent meta ma nghatax it-trasferiment li kien haqqu u miftiehem mas-socjeta` intimata wara kien tajjeb biex imur lura ghax-xoghol. Din id-diskriminazzjoni hija manifesta bit-trattament differenti li s-socjeta` intimata wriet ma l-impjegati taghha u bir-ragun ir-rikorrent ghandu dritt jippretendi li jircievi l-istess trattament bhal haddiehor fejn gie agevolat bi trasferiment b'xoghol aktar hafif mentri r-rikorrent ma nghatax dak il-beneficcju.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ghandu ragun u t-talba tieghu timmerita illi tkun milqugha. Peress li t-Tribunal ma jistax jordna r-re-instatement tar-rikorrent sejjer ghalhekk jiffissa l-ammont ta' kumpens "arbitrio bono viri" u jirrakomanda li s-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' Lm1500 bhala kumpens ghal ingustizzja minnu subita. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------